

INTESTATURA TAL-BAĠIT 04 03 09

Proġett bi Prova – Kundizzjonijiet tax-Xogħol u l-Għajxien tal-Ħaddiema Stazzjonati

SEJĦA GĦALL-PROPOSTI 2009 VP/2009/015

Ir-riżultati previsti ta' din is-sejħa għall-proposti huma:

- Għarfien aħjar dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-għajxien tal-ħaddiema stazzjonati;
- Kundizzjonijiet imtejba għal implimentazzjoni u applikazzjoni aħjar tad-Direttiva 96/71 dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema;
- Il-promozzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u esperjenza fost il-partijiet interessati involuti b'mod aktar attiv fil-monitoraġġ jew l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema stazzjonati;
- Il-promozzjoni ta' kooperazzjoni transnazzjonali fost il-partijiet interessati u t-tixrid tal-aħjar prassi.

L-azzjonijiet li ġejjin jistgħu jiġu kofinanzjati:

- seminars, konferenzi jew azzjonijiet qosra ta' taħriġ iffokaw fuq l-istazzjonar ta' ħaddiema inklużi studji preparatorji, l-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' diskussjoni (round tables), skambji ta' esperjenza u l-aħjar prassi u networks tal-atturi ewlenin u/jew l-esperti;
- studji ta' każijiet li jinvestigaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-għajxien tal-ħaddiema stazzjonati f'impjiegi, reġjuni u/jew setturi speċifiċi, inklużi studji komparattivi tal-qagħda tal-ħaddiema stazzjonati fi Stati Membri differenti;
- inizjattivi biex ikomplu l-ġbir, l-użu u t-tixrid ta' informazzjoni dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema, bħal websajts, pubblikazzjonijiet, bulettini u mezzi oħra għat-tixrid tal-informazzjoni.

L-ammont previst għal din is-sejħa għall-proposti hu ta' EUR 350 000.

Il-perċentwal ta' kofinanzjament tal-Komunità Ewropea se jkun limitat għal massimu ta' 80 % tat-total tal-ispejjeż eliġibbli tal-azzjoni.

Id-data ta' skadenza għall-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet kompluti hija t-**18 ta' Settembru 2009** għal azzjonijiet li jibdew mhux qabel it-**18 ta' Novembru 2009** u mhux aktar tard mit-**22 ta' Diċembru 2009**

Għal aktar informazzjoni dwar l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-linja baġitarja, miżuri eliġibbli, kandidati eliġibbli, ammonti ta' kofinanzjament u regoli oħra, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sett sħiħ ta' istruzzjonijiet għall-applikanti fuq il-websajt li ġejja:

EN: <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=630&langId=en&callId=230&furtherCalls=yes>
DE: <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=630&langId=de&callId=230&furtherCalls=yes>
FR: <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=630&langId=fr&callId=230&furtherCalls=yes>